MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru. 36/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Stephanie Debono**

Kaz Numru: 36/2012

Illum 21 ta’ Mejju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Stephanie Debono**, ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bint John u Eucharistica neé Theuma, imwielda Victoria, nhar is-6 ta’ Marzu 1990, residenti fil-fond numru Blk E, Bieb E, Flat 4, Triq tac-Cawla, Victoria u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 10490(G), akkuzata talli nhar il-31 ta’ Mejju

2010, ghal habta ta’ l-10.15hrs ta’ filghodu gewwa Triq Qasam San Gorg, Rabat (Ghawdex):

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkagunat hsara nvolontarja fuq trakk li ghandu n-numru ta’ registrazzjoni FAB 984 ghad-dannu ta’ Peter Paul Said u ohrajn u dan *ai termini* tal-Artikoli 328(d) tal-Kapitolu 9;

2. kkomettiet sewan perikoluz u traskurat u dan *ai termini* ghall-Artikoli 15(1)(a), (2), (3) tal-Kapitolu 65;

3. saqet b’velocita eccessiva u dan *ai termini* tal-Artikolu 74 tal-Avviz Legali 65.11;

4. saqet minghajr *seat-belt* u dana *ai termini* tal-Artikoli 3 u 4 tal-Avviz Legali 65.12;

5. kkagunat ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Josef Said detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 5082(G).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-*proces verbal* ezebit fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2012 u mmarkat bhala Dok. “JA”.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ April 2012 (*a fol.* 5) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li meta sar l-ezami tal-imputata (*a fol.* 116), l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ukoll li l-kwerelant Peter Paul Said kien qed jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri u li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputata ma xehditx u anqas ressqet ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------